31999R2701

21.12.1999 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 327/5

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 2701/1999

ta' l-14 ta' Diċembru 1999

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2201/96 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-frott ipproċessat u l-prodotti tal-ħaxix

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITÀ EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 37 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Soċjali u Ekonomiku [2],

Billi:

(1) L-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 [3] jistipula li l-kwota stabbilita sabiex tingħata għajnuna għall-produzzjoni ta' prodotti proċessati mit-tadam, għandha titqassam kull sena bejn l-Istati Membri; għas-sena tal-*marketing* 1999/2000 dan it-tqassim għandu jkun ikkalkolat fuq il-bażi tal-kwanitatijiet medji prodotti skond il-prezzijiet minimi matul is-sena 1997/1998 u s-sena 1998/1999; mis-sena 2000/2001 'il-quddiem għandha tkun ibbażata fuq il-kwantitajiet medji prodotti matul it-tlett snin tal-*marketing* li jiġu qabel is-sena tal-*marketing* li għaliha ssir l-allokazzjoni;

(2) Fil-Portugall is-sena tal-*marketing* 1997/1998 kienet ikkaratterizzata minn kondizzjonijiet tat-temp estremament żvantaġġjużi li wasslu għal tnaqqis kbir fil-produzzjoni; l-allokazzjoni ta' kwoti fuq il-bażi ta' din il-produzzjoni baxxa fil-Portugall ma tieħux in konsiderazzjoni tal-produzzjoni potenzjali f'dan l-Istat Membru taħt kondizzjonijiet normali tat-temp;

(3) Bħala eċċezzjoni, għaż-żewġ snin tal-*marketing* milquta mit-tnaqqis mhux tas-soltu fil-produzzjoni tat-tadam għall-ipproċessar - is-sena 1999/2000 u s-sena 2000/2001 - biss, il-Portugall għandu jingħata kwota addizzjonali għall-produzzjoni ta' konċentrat tat-tadam biex tagħmel tajjeb għat-tnaqqis tal-kwota minħabba l-kondizzjonijiet mhux normali fis-sena 1997/1998 mingħajr ma tolqot ħażin lill-produtturi fl-Istati Membri l-oħra; din il-kwantità addizzjonali għandha tkun stabbilita bħala 83468 tunellata għas-sena 1999/2000 u kkalkolata, għas-sena 2000/2001, billi tibdel il-kwantità verament maħduma matul is-sena tal-*marketing* 1997/1998 bil-kwantità ta' 884592 tunellata oriġinalment allokata lill-Portugall;

(4) Dan ir-Regolament jikkonċerna s-sena tal-*marketing* 1999/200; din is-sena tal-*marketing* bdiet fil-15 ta' Ġunju 1999; dan ir-Regolament japplika minn dik id-data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-paragrafu li ġej huwa miżjud fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 2201/96:

"3a. Minkejja l-paragrafu 3, kwantità addizzjonali ta' tadam frisk maħsub għall-produzzjoni ta' konċentrat ta' tadam għandha tkun allokata lill-Portugall fis-snin 1999/2000 u 2000/2001. Din il-kwantità għandha tkun:

— 83 468 tunellata metrika għas-sena 1999/2000, u

— għas-sena 2000/2001, id-differenza bejn il-kwantità kkalkolata skond il-paragrafu 3 u dik ikkalkolata billi tiġi sostitwita l-kwantità ta' tadam frisk użat fil-Portugall għall-produzzjoni ta' konċentrat fis-sena tal-*marketing* 1997/1998 b'884 592 il-tunnellata metrika.

Il-volum ta' tadam frisk imsemmi fil-paragrafu 1 u l-kwantità ta' tadam frisk għall-produzzjoni ta' konċentrat imsemmi fl-ewwel inċiż tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2 għandu jiżdied, għal dawn is-sentejn tal-*marketing*, bi kwantità addizzjonali allokata lill-Portugall."

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu japplika mill-15 ta' Ġunju 1995.

---

[1] Opinjoni mogħtija fit-2 ta' Diċembru 1989 (sa issa mhux ippubblikata fl-Ġurnal Uffiċjali).

[2] Opinjoni mogħtija fl-20 t' Ottubru 1989 (sa issa mhux ippubblikata fl-Ġurnal Uffiċjali).

[3] ĠU L 297, tat-13.2.1988, p. 29. Ir-Regolament kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2199/97 (ĠU L 303, tas-6.11.1997, p.1).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-7 ta' Diċembru 1989.

Għall-Kunsill

Il-President

K. HEMILÄ